**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-08 ta' Lulju, 2016.

Talba Numru: 125/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 16

**Paul Borg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 363226(M) u Maria Borg detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 393233(M)**
**42, Le Nid,**
**Triq l-Ilqugh,**
**Swieqi**

**Vs**

**Stanley Jones**
**Verdala,**
**68, Flat 2, Triq il-Hawt,**
**Swieqi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-16 ta' Frar, 2015 illi permezz tiegħu l-atturi talbu minghand l-konvenut is-somma ta' mitejn u erbghin ewro (€240) sehem l-intimat ta' xogholijiet ta' drenagg li saru mill-atturi minn fuq l-bankina tat-triq fejn jabita l-intimat u residenti ohra liema residenti ohra hallsu sehemhom tal-istess xoghlijiet.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut ikkontesta t-talba u eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur kif ukoll li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jehtieg li jigu ppruvati kemm li l-ammont huwa dovut mill-intimat kif ukoll quantum pretiz, salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal sabiex tigi kjamata fil-kawza Anne Jones.
Ra li ghalkemm l-kjamata fil-kawza, Anne Jones, ma gietx notifikata l-avukat li patrocinat lill-atturi f'din it-talba waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju, 2016 informat lil dan it-Tribunal li s-sorte thallset mill-kjamata in kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu l-Avukati tal-partijiet kollha qablu li s-sorte f'din it-talba thallset mill-kjamata in kawza u jonqos biss li jigi deciz il-kap tal-ispejjez u qed jitolbu lit-Tribunal decizjoni dwar l-ispejjez.

Ikkunsidra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut qatt m' accetta li jhallas kif lanqas qatt ma nforma lill-atturi li tali hlas ghandu jsir minn Anne Jones u baqa' sal-ahhar ma tax din l-informazzjoni kif lanqas Anne Jones ma ghamlet ebda tentattiv biex tissalda dan l-ammont u ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal hija wkoll flimkien mal-konvenut responsabbli ghal dawn l-ispejjez.

Għaldaqstant, peress li s-sorte thallset fil-mori tal-kawza mill-kjamata fil-kawza Anne Jones, dwar l-ispejjez it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-ispejjez huma a karigu tal-konvenut u tal-kjamata in kawza konguntivament.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**